fejn il-ħabib tiegħi Giovanni Rossi kellu l-librerija tiegħu. Din it-triq kienet ħerba waħda. Staqsejt għal Giovanni. *Miet? Għadu ħaj? Iftaqar iżjed milli kien?* Nistaqsi minn hawn u minn hemm fl-aħħar sibtu. Kien tilef kollox, barra minn ħajtu. Malli rani għarafni, għannaqni u biesni. Għajnejja ma setgħux jinqalgħu mil-libsa li kellu fuqu. Iva, għaraftha. Dik kienet il-libsa tiegħi; il-libsa li kont bgħatt ma' ħwejjeġ oħra. Għaraftha mit-tiżrit li kellha ma' dwar il-buttuni. Għaraftha sewwa. Ma nafx infisser x'ħassejt ġo fija. Lil Giovanni ma għidtlu xejn. Bżajt li numiljah bla ma xtaqt. U jibki u jolfoq huwa fissirli dak li kienet għaddiet minnu Firenze — Belt Twelidu.

---

# ĠMIEL IL-ĦOLQIEN

*Ta' JOSEPH SCIBERRAS*

Taħt sema sabiħ mingħajr nikta
jitbissem sikwit il-ħolqien
u jferraħ il qalbna bil-ħemda,
bil-fwejjaħ u l-lwien.

Ipaxxi 'l ħarsitna bil-qċaċet,
miksija bis-Silġ, ta' l-għoljiet,
bil-ħdura tas-siġar, bil-ħxejjex,
bil-ward fil-mixtliet.

U l-għanja ta' qalbu jsemmagħna
miġbura fuq fomm ta' għasfur,
u fl-ilma li jgelgel bil-ħeffa
mill-għolja għal ġol-bur.

Ifawwar bil-ħajja li tbaqbaq
fl-imsaġar, fil-baħar, fl-għerien,
f'kull bejta, fix-xquq ġol-muntanji,
fid-djar, f'kullimkien.

Jiddandan kuljum, kull filgħodu,
bil-qtari tan-nida safjin,
ileqqu kotrana, fl-imrieżaq
tax-xemx maqbudin.

U jgħum ta' sikwit tul il-ljieli
tal-qamar fid-dija fiddiena
għar-rxiex tad-dawl sbejjaħ li jroxxu
il-kwiekeb dehbiena.



# IL-BANDIERA

*Essay ta' KARMENU ELLUL GALEA*

Biċċa ċarruta jew drapp, bi ftit jew b'ħafna lwien, meta mhux ukoll kollha ta' lewn wieħed. Ħafna drabi nilmħu wkoll fiha disinji jew simboli li jkunu jfissru t-tali ħaġa, żmien jew inkella xi ġrajja. Min jaf kemm studji saru u kemm nies ħabblu moħħom biex sawru u fasslu l-ilwien, il-kif u l-għala tal-bandiera li għalihom kienet tfisser l-istess ħajja tagħhom. Kemm enerġija u żmien inħlew, għadhom iħabblu l-imħuħ, u naħseb li jibqgħu biex bandiera tidher sabiħa, u fuq kollox bi storja u tifsir ta' din jew dik il-ħaġa.

U jtikx tassew li tidħak li tara rġiel daqs hawn u ta' l-affari tagħhom imġennin wara din jew dik il-bandiera! Tara oħrajn mitlufin wara dan jew dak il-lewn. Xi wħud saħansitra waslu biex jiġu fl-idejn u jitilfu l-ħbiberija ta' bejniethom minħabba din l-imbierka ta' bandiera. L-anqas li kienet xi ħaġa mitqilha deheb ma tasal biex tara dan il-ġenn, imħabba, għożża u bluha għal biċċa ċarruta bi lwien jew mhux ukoll b'qabda tiċpis ta' żebgħat li minn xi daqqiet ma tistax tifhem xi jfissru. U biex tagħqad, meta tkun qadima tgħidx kemm u kif, u mżarta minn hawn u minn hemm, kemm tkun ta' siwi u kemm għajnejn jogħxew u jitkabbru biha.

It-Taljani nismagħhom igħidu li "bandiera vecchia è l'onore del capitano". U kemm dan hu minnu narawh fl-istess pajjiżna u rħula u bliet ta' artijiet barranin. Inżuru l-mużej ta' dawn, u f'naħa jew oħra, jekk mhux ukoll f'post l-iżjed li jidher u xieraq, għandek issib qabda żagarelli, biex ma ngħidx ukoll ħjut, li fuqhom il-gwida jaħli ħafna ħin biex ifissirlek il-ġrajja tagħhom. Induru ftit il-każini tal-baned jew dawk tal-football li għandna mxerrda ma' l-erbat irjieħ ta' dawn il-gżejjer, u aqtagħli għonqi b'sikkina jekk fi gwarniċ mill-iżjed wiesa' u mill-isbaħ, ma ssibx xi bandiera, stendard jew bandalora li jkunu jgħoddu min jaf . . . min jaf . . . kemm snin! . . .

Mhux darba u tnejn fit-toroq tagħna waqt xi marċ tal-festa nilmħu xi stendard imkebbeb — li jekk tipprova tiftħu jsir trietaq — imma jkun hemm biex juri s-solennità u l-ġieh ta' min ikun qiegħed jieħu sehem. Jista' jkun ukoll hemm biex juri l-kobor ta' dik l-okkażjoni.

Minkejja dan kollu, il-bandiera nistħajjilha li hija x-xbieha tan-nazzjon. Hija l-ideal li fuqu twaqqfu u jimxu dan il-każin, dik il-għaqda, dan il-partit. Hi wkoll l-isem, imma minflok bl-ittri, muri u mfisser bit-tqassim ta' l-ilwien jew b'xi disinji jonkella figuri. Ara x'bandiera hi u malajr tintebaħ x'nazzjon jew għaqda hi. Għal bandiera ċċarċar u ġera d-demm, nies marru l-ħabs, u oħrajn sfaw vittmi.